MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 181/2004

**Josef Gauci**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-10 ta’ Marzu, 2004, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-Att ta’ Twelid registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta’ Iskrizzjoni 776 tas-sena 1977 hawn anness u mmarkat Dok A, omm u missier l-attur tawh l-isem ta’ *“Josef”* , kif jirrizulta taht il-kolonni *“Ismijiet Moghtija”* u *“Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”*;

Tul ghomru il-familjari tal-attur konsistentement uzaw l-isem *“Peppi”* biex isejhu lill-attur, tant illi llum il-gurnata huwa maghruf mal-familjari u hbieb tieghu bhala *“Peppi Gauci”*;

Id-dettalji personali f’kull att ta’ l-istat civil relattiv ghall-attur u registrati fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku ma jirriflettux il-fatt illi l-attur huwa konsistentement msejjah *“Peppi Gauci”*;

L-Att ta’ Twelid tat-tifel tal-attur registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta’ Iskrizzjoni 59 tas-sena 2004 (Dok B) taht il-kolonna *“Isem u kunjom”*, b’referenza ghal missier it-tarbija, isem l-attur gie ukoll indikat bhala *“Josef”* minflok *“Peppi”*;

Dawn ic-cirkostanzi huma ta’ inkonvenjent kbir ghall-attur ghaliex joholqulu konfuzjoni fl-identita’ u fil-hajja privata tieghu;

L-attur jixtieq illi l-isem *“Peppi”* jigi rregistrat minflok l-isem *“Josef”* taht il-kolonni *“Ismijiet Moghtija”* u *“Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”* ta’ l-Att ta’ Twelid hawn fuq imsemmi sabiex jigi rikonoxxut ismu proprju;

Talab lid-dipartiment konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) illi l-Att ta’ Twelid registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta’ Iskrizzjoni 776 tas-sena 1977, jigi korrett fis-sens illi fil-kolonni *“Ismijiet Moghtija”* u *“Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”* jithassar l-isem *“Josef”* u minflok, jigi indikat l-isem *“Peppi”* li bih l-attur huwa konsistentement imsejjah;

2. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) illi l-Att ta’ Twelid registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta’ Iskrizzjoni 59 tas-sena 2004 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna *“Isem u*

*kunjom”*, b’referenza ghal missier it-tarbija jithassar l-isem *“Josef”* u minflok, jigi indikat l-isem *“Peppi”* li bih l-attur huwa konsistentement imsejjah;

3. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) illi kull bdil effetwat fl-Att ta’ Twelid registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta’ Iskrizzjoni 776 tas-sena 1977 jigi rifless f’kull att ta’ stat civili relattiv ghall-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-avviz ta’ din il-kawza gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta’ Ottubru, 2004, kif titlob il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa ecepixxa illi;

1. Fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Fit-tieni talba tieghu l-attur ghandu jispecifika n-numru progressiv ta’ l-Att tat-Twelid ta’ Zion Wheelan Gauci.

3. L-attur ghandu jispecifika l-Atti Civili li qed jitlob illi ghandu jsir korrezzjoni fihom u dana *ai termini* ta’ l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 253(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

6. *Salv* eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur f'din il-kawza twieled fl-4 ta' Frar, 1977, u gie registrat bl-isem ta' *"Josef"*. Lill-istess attur twelidlu tifel fis-7 ta' Dicembru, 2003, u fuq ic-certifikat tat-twelid ta' ibnu, hu gie registrat, fil-kolonna *"Isem u kunjom missier it-tarbija"*, bhala li ismu *"Josef Gauci"*. L-attur jghid, pero', li kemm mal-familja kif ukoll fuq dokumenti ufficcjali, huwa maghruf bl-isem ta' *"Peppi"* u qed jaghmel din il-kawza biex dan l-istat ta' fatt jigi rifless fl-att ta' twelid tieghu u f'dak ta' ibnu.

L-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili jikontempla il-jedd moghti lil kull persuna li *"tista' taghmel talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li fihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"*. Is-subartikolu (3) tal-istess artikolu 253, jippermetti li din il-bidla tigi riflessa f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna, u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna.

L-attur xehed li kemm fil-familja kif ukoll mal-hbieb u fuq ix-xoghol, huwa maghruf bl-isem ta' *"Peppi"*. Omm l-attur, Ursola Gauci, xehdet li sa min tfulitu, hi u membri ohra tal-familja, bdew jirreferu ghalih bl-isem ta' *"Peppi"*; hi tghid ukoll li anke mal-hbieb lill-binha, konsistentement bdew jirreferu ghalih bl-isem ta' *"Peppi"*. Xehdu ukoll Chiara Gauci, oht l-attur, u Debbie Cassar Wheelan, l-gharusa ta' l-attur, li wkoll ikkonfermaw li lill-attur jirreferu ghalih bhala

*"Peppi"*. Tant hu hekk, li l-gharusa ta' l-attur qalet li meta saret taf lill-attur, saret tafu bhala *"Peppi"*, u kien zmien wara li l-attur qalha li hu kien gie registrat bl-isem ta' *"Josef"*.

L-attur esebixxa diversi dokumenti, konsistenti fl-korrispondenza li hu rcieva, anke min sorsi ufficcjali, li jindikaw ismu bhala *"Peppi"*. Hu wera wkoll li meta iffirma kuntratti, u anke ippartecipa bhala *extra* fil-film *"Helen of Troy"*, huwa indika ismu bhala *"Peppi"*. Fl-involviment tieghu fl-ghaqda *"Bird Life Malta"*, l-attur huwa wkoll indikat bhala *"Peppi Gauci"*.

Mill-kumpless tal-provi, ghalhekk, jirrizulta pruvat li l-attur huwa konsistentement imsejjah bl-isem ta' *"Peppi"*, li hu l-isem li l-attur uza ghalih. *Kwindi* t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Dwar it-tielet talba, il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghha peress li l-attur stess stqarr, fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2004, li ma hemmx atti ohra li ghandhom ikunu milquta bil-bidla mitluba.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, *pero'*, qed tilqa' l-ewwel zewg talbiet kif dedotti u tordna li ssir il-bidla kif mitluba mill-attur fl-ewwel u t-tieni talba tieghu.

Peress li t-tibdil rikjest mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------